# QORTI TAL-APPELL
# (Sede Inferjuri)

## Onorevoli Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri
## B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.

**Seduta tal-Gimgha, 8 ta' Novembru, 2019**

## Appell numru: 527/2017/1

**Wara sentenza tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar bit-Talba numru: 527/2017 PM1 datata 15 ta' Frar, 2019**

## Aluserv Limited (C 16207)

## vs.

## Absolute Constructions Limited (C 31528)

**Il-Qorti**

1. Illi dan huwa appell intavolat mis-socjeta' intimata minn decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar datata 15 ta' Frar, 2019. Il-fatti tal-appell odjern huma s-segwenti:

i. Is-socjeta' appellata Aluserv Limited (C 16207) ipprovdiet xoghol ta' hadid lis-socjeta' appellanta Absolute Constructions Limited (C 31528);

ii. Is-socjeta' appellata Aluserv Limited tallega li hija kreditrici tas-socjeta' appellanti Absolute Constructions Limited (C 31528) fl-ammont ta' hamest elef, erba' mija u tnejn u tmenin ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€5482.28) liema ammont gie ridott ghas-

somma ta' hamest elef ewro (€5000) sabiex id-differenza taghmel tajjeb ghall-uzu ta' krejn da parti tas-socjeta' appellata, liema krejn kien inkera mis-socjeta' appellanti;

iii. Jirrizulta li bejn il-partijiet saru diversi tentattivi ta' ftehim bonarju madanakollu dan ma sehhx. Kien ghalhekk li nhar is-17 ta' Novembru, 2017 is-socjeta' appellata Aluserv Limited intavolat kawza quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar fejn talbet li s-socjeta' appellanti Absolute Constructions Limited tigi kkundannata thallas l-ammont ta' hamest elef ewro (€5000) u bl-ispejjez;

iv. Is-socjeta' appellanti Absolute Constructions Limited nhar it-30 ta' Jannar, 2018 intavolat risposta ghat-talba u flimkien maghha kontro-talba (fol. 12 et seq) fejn talbet li tigi likwidata somma rapprezentanti danni allegatament sofferti minnha minhabba uzu ta' krejn mis-socjeta' appellata oltre l-hin miftiehem ghax-xoghlijiet li rrizulta f'danni konsistenti f'hin mitluf u dewmien fix-xoghlijiet.

2. Illi t-Tribunal Ghal Talbiet Zghar permezz tad-decizjoni tieghu datata 15 ta' Frar, 2019 laqa' in parte t-talba tas-socjeta' appellata Aluserv Limited ghall-hlas tal-kreditu u laqa' wkoll in parte l-kontro-talba tas-socjeta' appellanta Absolute Constructions Limited fejn gie deciz kif isegwi:

> *'Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' limitatament l-eccezzjonijiet tas-socjeta' intimata sakemm kompatibbli mas-surreferit u jichadhom ghall-bqija u konsegwentement jilqa' wkoll limitatament it-talba attrici, jichad ukoll limitatament u sakemm kompatibbli mas-surreferit l-eccezzjonijiet tas-socjeta' attrici ghat-talba rikonvenzjonali u jilqa' l-istess kontro-talba limitatament fis-somma ta' mija u sebgha u sittin euro u tnejn u sebghin centezmi (€167.72). Konsegwentement bi tpacija bejn iz-zewg partijiet, it-Tribunal qieghed jikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lill-attrici s-somma bilancjali tat-talba*

*ammontanti ghal erbat elef, tmien mija u tnejn u tletin euro u tmienja u ghoxrin centezmi (€4832.28) bl-imghaxijiet jibdew jiddekorru mid-data ta' din is-sentenza. Spejjez relattivi kemm ghat-talba u kif ukoll ghall-kontro-talba u ghall-ittra ufficjali bin-numru 522/2017 jigu sopportati in kwantu ghal kwart mis-socjeta' attrici u tliet kwarti mis-socjeta' konvenuta.'*

3. Illi s-socjeta' intimata Absolute Constructions Limited (C 31528) hassitha aggravata b'din id-decizjoni u kien ghalhekk li ntavolat l-appell odjern nhar l-5 ta' Marzu, 2019. Permezz tal-imsemmi appell hija ressqet tliet (3) aggravji kif isegwi:

a. Illi t-Tribunal esorbita mill-kompetenza tieghu sabiex iddecieda dwar it-talba attrici wara li s-socjeta' attrici stess illimitat it-talba taghha sabiex tibqa' fil-kompetenza tat-Tribunal;

b. Illi t-Tribunal ma seta' qatt jiddeciedi illi s-socjeta' esponenti kellha tkun responsabbli ghall-hlas tal-ammont kollu mitlub mis-socjeta' intimata;

c. Illi t-Tribunal zbalja meta qies illi s-socjeta' esponenti kellha tigi rizarcita biss fis-somma ta' €482.28.

4. Illi da parti taghha s-socjeta' appellata Aluserv Limited (C 16207) wiegbet ghal dan l-appell billi trattat dawn l-aggravji ndividwalment bil-mod segwenti:

a. Fir-rigward tal-ewwel aggravju hija ssottomettiet is-segwenti:

Tirrileva li s-socjeta' appellata mill-bidu rrikonoxxiet li kellha taghti lis-socjeta' appellanti stante li ghamlet uzu tal-krejn ghall-aktar hin minn dak li kien miftiehem u kien ghalhekk li gie ridott l-ammont ta' €482.28 peress li dan kien ammont realistiku li jirrifletti l-uzu tal-krejn. Kieku s-socjeta' appellata talbet l-ammont shih kien ikun car li ma riditx thallas tal-uzu tal-krejn uzat oltre l-hin meta bhala fatt

is-socjeta′ appellata dejjem kienet disposta thallas u dan kien car anke fil-laqghat u fil-korrispondenza li sar tramite l-avukati tal-partijiet.

b. Fir-rigward tat-tieni aggravju ssottomettiet kif isegwi:

Illi mill-ittri li gew esebiti jidher li l-Perit Michael Anastasi kien qieghed jagixxi ghan-nom tas-socjeta′ appellanti. Il-Perit Anastasi kkonferma li l-istima tas-socjeta′ appellata kienet aktar vantagguza minn dik ta′ Steel Structures u kien ghalhekk li s-socjeta′ appellanti accettat li tahdem. Is-socjeta′ appellata baghtet id-disinji u qabel ma bdiet tahdem inghatat konferma minghand il-Perit Anastasi. Il-Perit Anastasi waqt id-depozizzjoni kkonferma li huwa qaghad attent li l-istima ma teccediex l-ammont allokat ghax-xoghol partikolari u ha hsieb li s-socjeta′ appellanti jibqaghlha profitt. Huwa kkonferma wkoll li s-socjeta′ appellanti kienet gia thallset tax-xoghol maghmul fil-hadid mis-socjeta′ appellata u flok hallset, ghazlet li zzomm il-flus hi, dan minkejja li l-flus li hija dahlet kien iktar minn dak li hija kellha thallas lis-socjeta′ appellata.

c. Fir-rigward tat-tielet aggravju issottomettiet kif isegwi:

Fuq is-somma likwidata bhala danni sofferti mis-socjeta′ appellanta, jinghad li anke mix-xhieda tad-direttur tas-socjeta′ appellanta jirrizulta li l-krejn intuza mis-socjeta′ appellata ghal nofs ta′ nhar, madwar tliet (3) sieghat. Kien hemm ftehim li l-crane kien sejjer jintuza mis-socjeta′ appellata ghal siegha li sussegwentament intuza ghal saghtejn aktar minn dak miftiehem.

Sammy Attard jghid li l-ewwel gurnata kien gie ccargjat €1000, u mill-ircevuta pprezentata rrizulta li hallas €1150, filwaqt li ghal ghada kien hallas €600 ghalkemm ma giet ipprezentata l-ebda ricevuta, b′dan li jitfa′ dubju dwar jekk l-ewwel ricevuta kinitx tkopri wkoll ix-xoghol tat-tieni gurnata. Skont ix-xhieda tad-direttur ta′ Anking Construction Limited huma jithallsu bir-rati ta′

€500 tal-ewwel saghtejn u €200 kull siegha b'dan li ma jigux €1150. Skont l-apellata minn hawn jirrizulta li s-socjeta' appellanti Absolute Constructions Limited minn dejjem kellhom bzonn il-krejn ghall-gurnata u l-ammont ta' €482.28 li s-socjeta' appellata naqset mill-ewwel, kien ferm vicin u realistiku ta' dak dovut mis-socjeta' appellata lis-socjeta' appellanti.

Dwar il-fatt li s-socjeta' appellanti qeghdha wkoll tippretendi hlas ta' danni relatati mal-haddiema li kienu fuq il-post tax-xoghol is-socjeta' appellata tissottometti li ma ngabet l-ebda prova dwar dan fil-prim'istanza u ghalhekk zgur li ma tistax titqajjem f'dan l-istadju.

5. Semghet it-trattazzjoni tal-appell tal-partijiet fis-seduta tat-28 ta' Gunju, 2019 u ddiferiet l-appell ghad-decizjoni ghal-lum.

**Ikkunsidrat:**

**L-Ewwel aggravju**

6. Illi fl-ewwel aggravju, s-socjeta' appellanti Absolute Constructions Limited (C 31528) tilmenta li t-Tribunal esorbita l-kompetenza tieghu fid-decizjoni. Tghid li l-Artikolu 3 (2) tal-Kapitolu 380 huwa skjett fir-rigward ta' kompetenza fejn huwa ghandu gurisdizzjoni li jisma' u jaqta' t-talbiet kollha ta' flus fl-ammont ta' mhux izjed minn hamest elef ewro (€5,000). It-Tribunal injora ghal kollox li l-ammont tat-talba kien gie ridott volontarjament mis-socjeta' appellata u dan sabiex tibqa' fil-kompetenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar. Ghall-kuntrarju meta t-Tribunal iddecieda huwa ha l-ammont ta' €5482.28 u fuqu sar it-tpacija billi gie ridott l-ammont ta' €650 likwidat bhala danni, b'tali mod li ezorbita l-kompetenza *ratione valoris*.

7. Illi din il-Qorti tibda billi taghmel referenza ghall-Artikolu 3 (2) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta li jitratta l-kompetenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar. Jiddisponi dan is-sub-artikolu:

> (2) Bla hsara ghas-subartikolu (5), it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikollu gurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux izjed minn hamest elef euro (€5,000):
>
> Izda fil-kalkolu tas-somma msemmija f'dan is-subartikolu, ma jitqiesux id-drittijiet u l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-istess talba.

8. Illi fil-kaz odjern jirrizulta li kienu nhargu zewg stimi relatati max-xoghol tal-hadid li gew esebiti u mmarkati bhala Dok A u Dok B a fol. 36 u fol. 37 tal-process quddiem it-Tribunal. It-tieni stima mmarkata Dok B kienet iggib l-ammont ta' €5482.28 liema stima kienet giet approvata mill-Perit Michael Anastasi hekk kif ikkonferma fid-deposizzjoni tieghu nhar is-16 ta' April, 2018 fejn qal: '*Mistoqsija tat-Tribunal qed nara dokument 'B' u nikkonferma li din kienet l-ahhar stima li kienet giet approvata min-naha tieghi fir-rigward tax-xoghlijiet mertu ta' din il-kawza.*' (ara deposizzjoni a fol. 28 sa fol. 32 tal-process quddiem it-Tribunal).

Mill-premessi jirrizulta li t-talba kienet giet ridotta ghal dik ta' €5000 mhux b'kapricc izda sabiex id-differenza fl-ammont ta' €482.28 tkun taghmel tajjeb ghall-uzu f'hin zejjed li s-socjeta' appellata ghamlet minn krejn li kien inkera mis-socjeta' appellanti Absolute Constructions Limited. Ghalhekk huwa car li s-socjeta' appellata meta ntavolat it-talba taghha, bl-ebda mod ma ezorbitat il-kompetenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar.

Is-socjeta' appellanta f'dan l-aggravju targumenta li meta t-Tribunal ghamel tpacija bejn l-ammont originarjament dovut lis-socjeta' appellata u cioe' dak ta' €5482.28 u dak dovut lilha fl-ammont ta' €650, it-Tribunal kien qieghed jezorbita l-kompetenza *ratione valoris*. Il-Qorti tirrileva li l-kwistjoni ta' tpacija dahlet fis-sehh f'dawn il-proeduri fil-mument li giet intavolata l-kontro-talba mis-socjeta'

appellanti Absolute Constructions Limited fejn gie likwidat l-ammont ta' €650 bhala danni sofferti.

Illi l-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi dwar it-tpacija fil-Artikolu 1196 fejn jiddisponi s-segwenti:

> *'(1) Meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom tpacija.*
>
> *(2) It-tpacija ssir ipso jure, u wkoll minghajr ma jkunu jafu d-debituri. Hekk kif ikunu jezistu zewgt idjun fi zmien wiehed, jinqatlu wiehed bl-iehor sa fejn ikunu ndaqs.'*

Fid-dawl tad-dispozittiv tal-Artikolu 1196 appena citat, kien gust it-Tribunal meta naqqas l-ammont ta' €482.28 mis-somma likwidata ta' €650, l-ghaliex meta s-socjeta' appellata naqqset l-ammont ta' €482.28 it-tpacija kienet gia saret *ipso jure.* Il-konkluzjoni kienet tkun differenti li kieku s-socjeta' appellata rikorrenti qabdet u rriduciet it-talba taghha ghas-somma ta' €5,000 semplicement sabiex taqa' fil-kompetenza tat-Tribunal u minghajr ebda raguni ohra valida, raguni li fil-fatt tirrizulta fil-kaz odjern. Ghaldaqstant din il-Qorti tqis li t-Tribunal, filwaqt li kien qed jaghmel il-kalkoli tieghu sabiex jasal ghad-decizoni finali, b'ebda mod ma kien qieghed jesorbita l-kompetenza tieghu fil-mument li kkunsidra l-ammont gia maqtugh ta' €482.28 izda semplicement kien qed japplika l-ligi.

Ghalhekk fid-dawl ta' dawn il-konstatazzjonijiet din il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad dan l-ewwel aggravju.

**It-Tieni aggravju**

9. Is-socjeta' appellanti f'dan l-aggravju tishaq li t-Tribunal ma seta' qatt jiddeciedi li hija kienet responsabbli ghall-hlas kollu mitlub.

Is-socjeta' appellanti tishaq li t-Tribunal wasal ghall-konkluzjoni zbaljata meta skorrettement ikkunsidra li hija kienet gabret l-ammont dovut lis-socjeta' appellata. Issostni li fl-atti ma kien hemm l-ebda prova ta' hlas u huma qatt ma accettaw l-ammont tat-tieni stima li jigi d-doppju tal-ewwel stima. Tishaq ukoll li x-xoghol originarjament kien gie kkonfermat fuq stima ta' Steel Structures Limited u kien il-Perit Michael Anastasi nnifsu li kkonferma li huwa ma kienx qieghed jikkomunika mas-socjeta' appellant. F'dan l-istadju l-appellanti tikkwota mid-depozizzjoni tal-Perit Michael Anastasi, mid-depozizzjoni ta' Sammy Attard – direttur tal-kumpanija appellanti u mid-depozizzjoni ta' Mark Vassallo direttur tal-kumpanija appellata u dan fir-rigward tal-kwistjoni tal-istima. L-appellanti tittenta tghid li x-xoghol ma sarx bl-approvazzjoni taghha pero' bl-approvazzjoni tal-Perit Anastasi u ghalhekk l-Perit Anastasi kellu jaghmel tajjeb ghal dan ix-xoghol ta' *brackets* li sar u li parti minnu sar inutilment.

10. Fir-rigward tal-ewwel ilment imressaq f'dan l-aggravju u cioe' li ma kienx hemm provi li s-socjeta' appellanti Absolute Constructions Limited kienet gia thallset l-ammont li sussegwentament hija kellha thallas is-socjeta' appellata, din il-Qorti taghmel referenza ghad-depozizzjoni tal-Perit Michael Anastasi fejn huwa jikkonferma li l-hlas kien effettivament sar kif isegwi:

> *'Nghid li wara li kien inhareg il-kont min-naha tieghi AMS Realty Limited fil-fatt halset ta' kollox lill-Absolute Constructions Limited. Dan il-pagament kien jinkludi wkoll il-pagament spettanti lil Aluserv Limited. … … kienet ghaddiet is-somma li semmejt lis-socjeta' intimata Absolute Constructions Limited li min-naha taghhom kellu jiehdu hsieb li jhallsu lill-Aluserv Limited bl-intendiment illi kieku kien hemm xi haga zejda fir-rigward ta' dak li jifdallu wara tali pagament dik ix xi haga zejda kellha zzommha l-*

*istess Absolute Constructions Limited in kwantu kienet parti mix-xoghol taghha ta' sub contracting.'* (fol. 29-30)

Illi Saviour sive Sammy Attard – azzjonist u direttur tas-socjeta' appellanti kkonferma wkoll li tax-xoghol is-socjeta' appellanta giet imhallsa. Huwa xehed:

*'Nghid li jiena thallast ta' xoghli imma dan il-hlas sar wara hafna zmien. Nikkonferma wkoll li jiena thallast ghax-xoghol tal-brackets. Nikkonferma jekk jiena l-ammont li jiena thallast huwiex identiku ghall-ammont li qed jigi mitlub permezz ta' din il-kawza dan peress li jiena kelli nhallas jiena stess l-ammont li kien jispetta lill-Aluserv Limited. Kien ghalhekk li jiena thallast dan l-ammont li semmejt. Sallum il-gurnata lill-Aluserv ghadni ma hallasthomx peress li mhux qed naqbel mal-kontijiet tal-perit.'*

Din il-Qorti tinnota li s-socjeta' appellanti f'partijiet ohra ta' dan l-aggravju tittenta targumenta li hija gabret ammont ferm inqas minn dak mitlub mis-socjeta' appellata permezz tal-kawza odjerna. Din il-Qorti ma temminx din il-verzjoni tal-fatti. Huwa minnu li prova tal-hlas lis-socjeta' appellanti fil-process ma tezistix, madanakollu l-istess socjeta' lanqas ressqet prova tal-ammont li hija gabret sabiex tikkontradixxi x-xhieda. Li kieku l-ammont li hija gabret fir-rigward tax-xoghol relatat mal-hadid, kien ferm izghar jew kien vicin l-ammont tal-ewwel stima, (kif is-socjeta' appellanta ttentat tallega) kien fl-interess tas-socjeta' appellanti li tigi pprezentata prova ta' dan il-hlas biex hija turi li ma gabritx l-ammont shih. Dan anke fid-dawl tad-depozizzjoni moghtija mill-Perit Michael Anastasi.

11. Illi fir-rigward tat-tieni lment jigi mill-ewwel osservat li l-Perit Michael Anastasi f'mument minnhom ikkonferma li huwa ma kienx qieghed jikkomunika kollox lis-socjeta' appellanti. Madanakollu l-istess Perit fid-depozizzjoni tieghu jkompli jelabora billi jghid li meta kien qieghed jitlob din l-istima l-gdida huwa kien attent li

jibqa' fil-parametri u ma jaqbizx l-istima ta' Steel Structures Limited. Hekk xehed:

> *'Nghid li jiena ma kontx qed inkellem lill-Absolute Constructions Limited f'dan l-istadju peress li hu ma kienx involut f'din il-kwistjoni, l-interess tieghi kien madanakollu li jiena nara li l-prezz ghax-xoghol ma jkunx imur oltre dak patwit ma' Steel Structures. … Anke fir-rigward ta' din it-tieni bidla kont ircevejt stima ohra li pero' xorta wahda kienet tmur inqas minn dik inizjali ta' Steel Structures Limited. Nghid li bejn wiehed u iehor id-differenza bejn din l-istima u dik ta' Steel Structures kienet bejn wiehed u iehor inqas minn dik ta' Steel Structures b'madwar elf, elf u hames mitt euro …'* (fol. 29)

Inkwantu ghal dan il-punt, Saviour sive Sammy Attard ukoll ikkonferma li huwa kien qabel mal-istima tas-socjeta' appellata u li giet avvanzata mill-Perit Anastasi. Hekk xehed:

> *'Jiena kont qbilt mas-suggeriment tal-perit li nahdmu mal-Aluserv, anzi nghid li jiena ghalija ma kienx jaghmel differenza* ***wara li rajt il-prezzijiet illi kien offrielna l-perit stess fir-rigward ta' din is-socjeta'****. Ma niftakarx b'mod partikolari jekk il-prezz kienx aktar vantaggjuz minn dak ta' kumpaniji ohrajn nghid pero' li kien hemm forsi l-iktar l-iktar differenza zghira u peress li l-perit kien diga' hadem mal-istess kumpanija jiena accettajt li nahdem ma' din il-kumpanija.'* (Emfasi tal-Qorti odjerna) (fol. 63)

Hawnhekk meta Saviour sive Sammy Attard kien qieghed jitkellem dwar kumpaniji ohra huwa kien qieghed jirreferi ghal Steel Structures Limited l-ghaliex minn imkien mill-atti ma jirrizulta li kienet ingabet xi stima ohra ghajr dik ta' Streel Structures Limited. Fid-dawl ta' dawn il-provi, din il-Qorti ma taqbilx li x-xoghol kollu ma sarx bl-approvazzjoni tas-socjeta' appellanti.

Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad ukoll dan it-tieni aggravju tas-socjeta' appellanta.

**It-Tielet aggravju**

12. Illi dan l-aggravju jirrigwarda l-kontro-talba fejn gie likwidat mit-Tribunal l-ammont ta' €650 rapprezentanti danni sofferti mis-socjeta' appellanta. Is-socjeta' appellanti ressqet dan l-aggravju peress li ma taqbilx mal-ammont likwidat ta' €650. Hija targumenta li fl-ewwel gurnata l-crane kien intuza unikament mis-socjeta' appellata u ghalhekk ma kienx hemm il-bzonn li s-somma ndikata fl-ircevuta ta' Anking Construction Limited (a fol. 70 tal-process quddiem it-Tribunal) tigi spezzettata u t-Tribunal jikkunsidra li x-xoghol tas-socjeta' appellata dam biss saghtejn.

Jibda billi jinghad li t-Tribunal ikkunsidra li x-xoghol kien dam b'kollox tliet (3) sieghat u mhux saghtejn (2) kif allegat is-socjeta' appellanta. Dan ghaliex it-Tribunal illikwida l-ammont ta' €650 bhala li jirrapprezentaw is-saghtejn xoghol eskluz l-ewwel siegha. Dan peress li l-ewwel siegha xoghol kienet pattwita minn qabel bejn il-partijiet. Di fatti d-danni mitluba fil-kontro-talba huma *'Illi s-socjeta' attrici rikonvenzjonanti* ***damet oltre l-hin miftiehem ghax-xoghlijiet li kellha twettaq waqt li qed tuza dan il-crane*** *u minhabba f'hekk l-esponenti soffriet diversi danni rapprezentanti spejjez inkorsi minnha ghall-hin mitluf u danni konsistenti fid-dewmien fix-xoghlijiet, u dan fost danni ohra minnhom sofferti li ser jigu ppruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawza.'* (enfazi tal-Qorti)

Ir-rapprezentant tas-socjeta' Anking Construction Limited cioe' Raymond Cutajar xehed fis-seduta ta' nhar il-5 ta' Frar, 2019 kif ukoll riportat fid-decizjoni appellata kif isegwi:

*'Din l-ircevuta hija fl-ammont ta' elf mija u hamsin ewro (€1,150). …kien hemm l-ewwel saghtejn iccargjati bir-rata ta' hames mitt ewro (€500) fis-*

*siegha kif spjegat u dan ghall-ewwel saghtejn u l-bqija gew iccargjati b'mija u hamsin ewro (€150) fis-siegha.*

Fil-process kulma giet prezentata kienet din l-ircevuta ta' Anking Construction Limited li minnha wara xoghol matematiku jirrizulta li fil-gurnata tat-2 ta' April, 2016 il-crane intuza ghal tliet (3) sieghat.

Illi l-Qorti tinnota b'mod partikolari d-depozizzjoni ta' Mark Vassallo – direttur manigerjali tas-socjeta' appellata (a fol. 25 sa fol. 27 tal-process quddiem it-Tribunal) fejn dwar l-uzu tal-crane xehed li:

*'Nghid li kien intlahaq ftehim bil-fomm fir-rigward tal-crane li kellu jintuza sabiex jigu nstallati l-brackets li semmejt. Naf ukoll li l-ftehim kien illi fir-rigward ta' dan il-crane jkun utilizzat il-crane li kien hemm fuq il-lant tax-xoghol diga. Nghid li min-naha tal-Foreman taghna l-ftehim kien li dan ix-xoghol suppost ma kellux jiehu aktar minn siegha pero' effettivament dan ix-xoghol jidher li dam aktar minn hekk … dan il-crane kellu jigi utilizzat ghat-tul kollu ta' nofs ta' nhar li damu sabiex isiru dawn ix-xoghlijiet.'*

Rat ukoll ix-xhieda ta' Joseph Curmi – Foreman fl-isteel section tas-socjeta' appellata Aluserv Limited fejn xehed f'dan ir-rigward li:

*'Nghid li domna ftit iktar milli suppost minhabba l-fatt li meta gejna biex inhaffru t-toqob sabiex inwahhlu dawn is-support sibna hafna hadid u ghaldaqstant dan krealna problemi. Ahna kkalkulajna li ghall-habta ta' siegha u nofs inkunu lestejna x-xoghol pero' ix-xoghol imbaghad beda jhabbatna u kien ghalhekk li domna ferm iktar milli hsiebna.'* (fol. 53)

Saviour sive Sammy Attard fir-rigward l-uzu tal-crane jixhed:

> *'Kellmuni pero' il-haddiema tal-Aluserv u qaluli li huma kienu ser jaghmlu uzu mill-krejn tieghi u cioe' dak il-crane enormi li semmejt li kien qieghed fuq il-post u cioe' il-lant tax-xoghol sabiex ikunu*

*jistgħu, sabiex ikomplu jwaħħlu dawn il-brackets il-kbar li semmejt. Madanakollu jiena mal-ewwel għamilt premura mal-ħaddiema tal-Aluserv sabiex ma jieħdux żmien proprju minħabba l-fatt li l-prezz ta' dan il-crane enormi kien konsiderevoli. Apparti hekk jiena ridt ukoll li jkolli ħin biżżejjed sabiex inkun nista' nikkonkludi x-xogħol tiegħi stess fil-ħin li kont ipprefissajt.'*

Din il-Qorti fliet l-atti kelma b'kelma u nnutat li ħadd mix-xhieda kemm tas-soċjeta' appellanti kif ukoll tas-soċjeta' appellata ma ddikjara eżatt fhiex eżatt kien jikkonsisti dan il-ftehim fir-rigward tal-krejn. Kulma jirriżulta huwa li l-krejn kien ser jintuża mis-soċjeta' appellata għal madwar siegħa pero' m'hemm l-ebda indikazzjoni dwar ħlas o meno tal-użu tal-krejn. Minn imkien ma rriżulta xi ftehim dwar min kellu jħallas għall-krejn fis-siegħa miftehma li kellu jintuża. L-istess ikkonkluda t-Tribunal fejn qata' barra l-ewwel siegħa fil-ammont ta' €500 u llikwida l-ammont ta' €650 għas-siegħat sussegwenti. Din il-Qorti taqbel ma' din il-likwidazzjoni fis-somma ta' €650 anki għaliex hija bbażata fuq l-informazzjoni miġbura permezz tad-dokument a fol. 70 tal-proċess u għalhekk ser tgħaddi sabiex tiċħad l-aggravju.

Dwar l-allegat danni relatati mal-ħin mitluf tal-ħaddiema din il-Qorti tinnota li ma tressqet l-ebda prova fl-atti f'dan ir-rigward w' għalhekk mhux ser tinoltra ruħha oltre fuq din il-kwistjoni.

## Deċiżjoni

**Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tgħaddi sabiex taqta' w'tiddeċiedi dan l-appell billi filwaqt li tiċħad l-aggravji kollha tas-soċjeta' appellanti, tgħaddi sabiex tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-ismijiet premessi datata l-15 ta' Frar, 2019.**

**Bl-ispejjez tal-prim'istanza jibqghu kif decizi mit-Tribunal, l-ispejjez kollha ta' din istanza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta' appellanti.**

(ft.) **Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**Imhallef**

**(ft.) Maureen Xuereb**
**Deputat Registratur**

**Vera kopja**

**D/Registratur**